**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 18/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Rudgear Scerri**

Illum il-ħamsa (5) ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Rudgear Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 440599(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fix-xahar ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. involva ruħu f'manipulazzjoni ta' avveniment sportiv kif imfisser fl-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-iSports (Artikolu 4 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. meta kellu għarfien, sew jekk verbali, bil-miktub, jew xort'oħra, li twettaq reat kontra kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta, naqas milli jgħaddi dak l-għarfien lill-Kummissarju tal-Pulizija (Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. ta, jew offra servizz tal-logħob u, jew fornitura ta' logħob kritika li jeħtieġu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa maħruġa mill-Awtorità jew minn awtorità oħra kompetenti fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew li għen, ħeġġeġ, jew xort'oħra ffaċilita dak l-għoti (paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. wettaq, ippromwova, ta għajnuna, ħajjar jew b'xort'oħra iffaċilita t-twettiq ta' attività li teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr tali awtorizzazzjoni (Artikolu 13 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 4 u 5 (1) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 13, 23 u paragrafu (a) tat-Tielet Skeda ta' Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u:

- fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni kkundannatu sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin minn dakinhar tas-sentenza u

- fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamsin elf Euro (€50,000) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas minnu b'rati mensili u konsekuttivi ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Illi l-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-1 ta' Frar 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li:*

*a.* ***<u>Tikkonfermaha</u>*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni tal-istess appellat; u*

*b.* ***<u>Tirrevokaha u tħassarha</u>*** *f'dik il-parti fejn il-piena ta' sentejn (2) priġunerija ġiet sospiża għal perjodu ta' erba' (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn ikkundannat lill-appellat għal ħlas ta' multa ta' ħamsin elf (€50,000) Ewro; u minflok*

*c.* ***<u>Tirriformaha</u>*** *billi teroga piena entro l-parametri u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi;*

*d.* ***<u>Tirriforma</u>*** *wkoll is-sentenza bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt tikkonfermaha fil-bqija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Jannar 2021.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant l-Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn din sabet lill-appellat allura imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu filwaqt li tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn il-piena ta' sentejn priġunerija ġiet sospiża għal erba' (4) snin u fejn ikkundannat lill-appellat għal ħlas ta' multa ta' ħamsin elf Euro (€50,000) u minflok tirriformaha billi teroga piena *entro* l-parametri tal-liġi. L-appellant jitlob ukoll li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 7 u 8 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 27 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-13 ta' Jannar 2021 l-appellat allura imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn huwa ġie akkużat bl-imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Mill-verbal (*a fol.* 3 u 4) tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-13 ta' Jannar 2021 jirriżulta li dakinhar stess l-appellat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet in kwistjoni u wara li huwa ngħata żmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu u ġie spjegat lilu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet, huwa kkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu wara li ddikjara li kellu żmien biżżejjed sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu. Dakinhar stess l-Ewwel Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellat allura imputat.

Illi l-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat. Dwar dan, din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dak li jista' jiġi meqjus bħala l-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew kwantita' tagħha dik ikkontemplata fil-liġi għar-reati li tagħhom l-appellat ġie misjub ħati. L-appellant jilmenta li Artikolu 4 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn tliet (3) snin u multa ta' bejn ħamest elef Euro (€5,000) u tletin elf Euro (€30,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Jisħaq li Artikolu 5 tal-istess Kapitolu jippreskrivi piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sena jew multa ta' bejn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000).

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li Artikolu 7 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta ma għandhomx japplikaw għal reati maħsuba taħt Artikoli 4 sa 6 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jargumenta wkoll li l-istess Artikolu 7 imsemmi jiddisponi li persuna li tinstab ħatja taħt Artikolu 4 u 6 tal-Kapitolu in kwistjoni għandha tiġi skwalifikata milli tipparteċipa fi u tattendi għal kwalunkwe avveniment sportiv u milli tkun preżenti fil-bini ta' kwalunkwe organizzazzjoni sportiva għal mhux anqas minn għaxar (10) snin. Jispjega li l-konsegwenzi tas-sejbien ta' ħtija taħt l-imsemmi Artikolu 7 huma tassattivi u għandhom jiġu applikati f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija mingħajr ebda eċċezzjoni. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta mponiet sentenza ta' priġunerija sospiża u naqset milli timponi l-iskwalifika dettata mil-liġi.

Illi permezz tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat huwa ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti bi ksur ta' Artikoli 4 u 5(1) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur ta' Artikolu 13 u paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti, fost affarijiet oħra, ikkundannat lill-appellat sentejn priġunerija liema perjodu ta' priġunerija ġie sospiż għal erba' (4) snin.

**Illi kemm Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxu li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandhomx japplikaw għar-reati msemmija fit-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-reati kontra Artikoli 4 sa 6 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għal kull buon fini jingħad ukoll li skont Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, anqas Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandu japplika dwar reati msemmija fit-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti jirriżulta li l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun meta jilmenta li l-Ewwel Qorti erronjament issospendiet il-piena ta' priġunerija. Apparti minn dan, minn qari ta' Artikolu 4 tal-

Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta, li *del resto* l-appellat ġie misjub ħati tiegħu, u dana apparti imputazzjonijiet oħra, jirriżulta li t-terminu ta' priġunerija huwa mandatorju, b'dan illi ma hemm l-ebda minimu għal dan il-perjodu pero' ma jistax ikun aktar minn tliet snin. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti għandha idejha marbuta u hija obbligata li timxi skont il-liġi.

Illi fis-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellat talabha tkun klementi. Minħabba li l-fedina penali tal-appellat hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti hija waħda kompletament nadifa u meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat allura imputat ammetta fl-ewwel opportunita' li kellu quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafi preċedenti nkluż in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat, tqis li t-terminu ta' priġunerija tal-appellat għandu jkun dak ta' sitt (6) xhur, liema terminu ma jistax jiġi sospiż.

Illi rigward l-iskwalifika msemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-appellant Avukat Ġenerali u ċioè li *ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt Artikoli 4 u 6 tal-Kapitolu msemmi hija għandha tiġi skwalifikata milli tipparteċipa fi u tattendi għal kwalunkwe avveniment sportiv u milli tkun preżenti fil-bini ta' kwalunkwe organizzazzjoni sportiva għal mhux anqas minn għaxar snin. Tenut kont tal-fatt li l-appellat għandu fedina penali kompletament nadifa, din il-Qorti ser tillimita l-iskwalifika għal minimu li tipprovdi l-liġi u ċioè għal għaxar (10) snin.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ kif hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta dwar il-fatt li skont Artikolu 8 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ewwel Qorti kienet obbligata tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat mir-reat in kwistjoni u kellha tordna wkoll l-interdizzjoni

perpetwa ġenerali tal-appellat. L-appellant jisħaq li l-konfiska hija tassattiva wkoll a tenur ta' Artikolu 27 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, liema konfiska hija favur l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob.

Illi Artikolu 8 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Il-Qorti għandha, minbarra kwalunkwe piena li tista' tiġi imposta fuq il-persuna li tkun instabet ħatja ta' kwalunkwe mir-reati stabbiliti fl-artikoli preċedenti u minbarra kwalunkwe piena li għaliha jista' jkun soġġett korp ġuridiku taħt l-Artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali:
>
> (a) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat tar-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, sew jekk il-persuna li tkun ġiet misjuba ħatja, jew il-korp ġuridiku msemmi fl-Artikolu 121D ikunu rċevew dak ir-rikavat u sew jekk le; u
>
> (b) tordna l-interdizzjoni perpetwa ġenerali tal-ħati."

Illi minn analiżi ta' dak hawn fuq ċitat jirriżulta li l-konfiska trid tkun ekwivalenti għar-rikavat tar-reat. Iżda mill-atti proċesswali ma hemm prova ta' kemm kien dan ir-rikavat għalhekk din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tordna li r-rikavat jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u għalhekk din il-parti tal-aggravju in eżami ser tiġi miċħuda. L-istess aggravju qed jiġi miċħud fir-rigward ta' Artikolu 27 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta aktar 'il fuq imsemmi u dana minħabba li mill-atti proċesswali ma hemmx prova tal-flejjes kollha li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq ta' xi reat elenkat fit-Tielet Skeda tal-istess Kapitolu msemmi.

Illi fir-rigward tal-interdizzjoni perpetwa ġenerali, l-appellant Avukat Ġenerali għal darba oħra huwa korrett meta jgħid li *ai termini* ta' Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta hemm obbligu tassattiv li sa fejn persuna tinsab ħatja ta' reati stabbiliti qabel Artikolu 8 tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta

minbarra l-piena preskritta għal dawn ir-reati hemm prefissata l-piena ta' interdizzjoni perpetwa ġenerali tal-ħati. B'hekk l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ f'dan is-sens.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-multa ta' ħamsin elf Euro (€50,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellat allura imputat iħallas u dana fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, din il-Qorti tinnota li *ai termini* ta' Artikolu 23(2) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta tali multa għandha titqies bħala dejn ċivili u pagabbli lill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob li dwarha jkun hemm titolu eżekuttiv.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellat għal perjodu ta' sentejn priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin u minflok tikkundanna lill-appellat għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija;

- tiskwalifika lill-appellat milli jipparteċipa fi u jattendi għal kwalunkwe avveniment sportiv u milli jkun preżenti fil-bini ta' kwalunkwe organizzazzjoni sportiva għal perjodu ta' għaxar snin millum;

- tordna l-interdizzjoni perpetwa ġenerali tal-appellat;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u jiġi speċifikat li l-multa ta' ħamsin elf Euro (€50,000) għandha titqies bħala dejn ċivili u pagabbli lill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob li dwarha jkun hemm titolu eżekuttiv.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**